MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 952/1997/1

Peter Thake
vs
Chairman Kalaxlokk Construction u b'digriet tas-17 ta' Novembru 1999 giet korretta ghal Chairman Kalaxlokk Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988. Ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f'li gie trasferit u ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem il-Kalaxlokk fl-1984 bhala Clerk I. Huwa dejjem ghamel xogholu kif suppost.

Wara l-1987 u mal-bidla fl-Amministrazzjoni tal-Pajjiz, ir-rikorrent kien gie trasferit diversi drabi minghajr ma qatt inghata raguni valida. Ir-rikorrent kien inqabez diversi drabi fl-ghoti tal-promozzjonijiet u persuni li kienu gew impjegati fil-kumpanija warajh qabzuh fil-grad.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li hu tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Company Limited li eccepiet:

Illi dan ir-rikors sar kontra l-Kalaxlokk Construction. Sa fejn taf il-kumpanija intimata qatt ma ezistiet socjeta` bl-isem ta' Kalaxlokk Construction. Certament, illum ma tezisti l-ebda kumpanija li ggib dak l-isem. Ghalhekk, galadarba r-rikors sar kontra persuna li ma tezistiex, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, is-socjeta` Kalaxlokk Company Limited, tixtieq tesponi s-segwenti:

Illi fil-mertu, l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li qatt ma saret xi ngustizzja mar-rikorrent. L-allegazzjoni tar-rikorrent li "gie trasferit diversi drabi minghajr ma nghata raguni valida" mhix korretta. Ir-rikorrent kien impjegat bhala "Clerk I" u kien

jintalab jaghmel ix-xoghol tieghu ta' skrivan f'dawk il-postijiet fi hdan il-kumpanija fejn kien ikun hemm bzonn is-servizz tieghu.  F'dawn ic-cirkustanzi wiehed ma tantx jista jitkellem dwar transfers.

L-allegazzjoni l-ohra tar-rikorrent li nqabez diversi drabi fl-ghoti tal-promozzjonijiet ukoll mhix korretta.  Mir-rikors jidher li r-rikorrent huwa tal-fehma li l-promozzjonijiet jiddependu biss biz-zmien li bniedem ikun ilu impjegat mal-kumpanija.  Dan mhux il-kaz.  Promozzjoni tiddependi minn ghadd ta' fatturi ohra li jinkludu fost l-ohrajn l-efficjenza ta' l-impjegat u l-kapacita` tieghu biex jimla l-grad li jkun vakanti.  Ghal din ir-raguni, l-allegazzjoni tar-rikorrent li saret ingustizzja mieghu ghax "persuni li kienu gew impjegati fil-kumpanija warajh qabzuh fil-grad" ma tistax treggi.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
<u>Ir-rikorrent</u>ipprezenta affidavit fejn semma li fl-1984 dahal jahdem ma' Harbour Construction Company Limited, wara mar ma' Xlokk Company Limited, u wara kien hemm amalgamazzjoni u giet iffurmata Kalaxlokk Company Limited.  Xogholu kien ta' clerk l jaghmel xoghol li kellu x'jaqsam ma' vacational leave, sick leave u time off in lieu.  Dan ix-xoghol kien jaghamlu kollu minghajr computers u biss ma' iehor certu Mario Borg minn Tarxien.  Xogholu dejjem ghamlu fl-ahjar mod possibli u qatt ma kellu xi forma ta' ilment la mis-superjuri tieghu u lanqas mill-haddiema.

Semma li matul l-ewwel tlett snin inghata hames increments u sar Clerk I fifth year, jigifieri pass ‘l boghod mill-promozzjoni ghal Executive Officer liema increments jinghataw fuq bazi ta’ efficenza u wara rakkomandazzjoni mis-superjuri. Semma li wara li nbidlet l-amministrazzjoni tal-Gvern, l-ghada tnehha Joe Chircop il-personnel manager u dahlet minfloku persuna ohra li kienet maghrufa ghall-politika Nazzjonalista tieghu. Semma li dan beda jaqbad ma’ dawk maghrufa bhala Laburisti inkluz hu. Semma li din il-persuna, ghal sitt xhur kienet tqabbdu jaghmel xoghol insinifikanti bhala per ezempju xoghol ta’ time keeper li kien grad inferjuri ghal dak li kellu.

Semma wkoll li s-Sur Scerri kien baghtu mill-Administration ghal mal-mastrudaxxi, fil-Plant Maintenance and Repairs Section, fl-istores, il-marines, il-purchasing u l-Precasting Yard u dan f’ perjodi qsar ta’ gimghat. Semma wkoll li fl-istores kien intbaghat tlett darbiet differenti taht tliet managers differenti wkoll. Qal li wara s-Sur Scerri kien mar il-Perit Carmelo Cacopardo li baqa’ ghaddej bl-istess stil bhal dak ta’ qablu. Ftakar li dan kien trasferieh mill-Marines ghall-istores ghal tlett gimghat u wara poggieh il-purchasing. Semma li dawn it-trasferimenti kienu qed iwassluh biex jitkisser moralment u anke fizikament tant li kien qabdu l-hruq ta’ Sant’ Antnin.

Semma li kull darba li kien jigi trasferit kien jitlef is-seniority u kien qed jigi maqbuz fil-promozzjonijiet. Qal li n-nies li dahlu warajh, ovvjament b’esperjenza anqas minnu, bdew jiehdu certu promozzjonijiet minhabba motivazzjoni politika. Semma lil Carmen Borg li missierha kien ix-xufier tal-Ministru l-Perit Michael Falzon. Qal li dik dahlet bhala Clerk I ferm warajh u spiccat Executive Officer liema kariga hu baqa’ mcahhad minnha. Semma li dawk l-ingustizzji kienu saru minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Ir-rikorrent in kontro-ezami semma li l-Perit Cacopardo, Carmen Borg u Charles Scerri kienu nazzjonalisti filwaqt li Mario Borg u Mario Sant kienu laburisti. Semma li

Camilleri huwa wkoll laburist pero` sar E.O. qabel l-1987. Dwar Paul Magro u Giselle Scicluna ma kienx cert izda kellu l-impressjoni li kienu laburisti. Qal li kellu 7 ‘O’ Levels u Diploma in Hotel Management. Dawn il-kwalifiki kienu diga` ghandu fiz-zmien in kwistjoni tal-1991 li irrefera ghalih.

Qal li hu qatt ma hadem fis-section ta’ Carmen Borg u meta din saret E.O. hu gie tahtha. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ir-rikorrent qal li ried jitlaq minn hemmhekk ghax is-Sur Mamo qatt ma tah risposta diretta. Cahad li kien hemm xoghol li ma kienx ingrad li jaghmel u sostna li kellu anke rakkomandazzjoni li bejn wiehed u iehor giet maghmula xi tliet xhur qabel. Dwar it-transfers qal li kienu ta’ natura vendikattiva specjalment meta kienu jibghatuh l-istores.

Xehed <u>Mario Borg</u> E.O. mal-Kalaxlokk li semma li lir-rikorrent jafu minn meta hadem maghhom fl-1985. Semma li r-rikorrent kien jahdem bhala skrivan li kien jiehu hsieb il-leave u t-time off. Qal li hu u r-rikorrent kienu fl-istess grad u jaghmlu l-istess xoghol. Bejn l-1988 u 1989 kienet inqalghet problema ta’ konflitt politiku fl-ufficcju taghhom. Fl-ufficju kienu hu, ir-rikorrent u Caroline Galea u d-diskussjonijiet dejjem kienu bejniethom. Kien hemm kummenti politici li r-rikorrent ma kienx jissaportihom, u kien hemm zmien li ma setax jissaporti dik is-sitwazzjoni. Semma li x-xoghol kienu jqassmuh bejniethom u huma kellhom relazzjoni tajba bejniethom.

Qal li r-rikorrent kien hu stess li talab biex jispicca mis-sezzjoni tal-Personnel. Bejn l-1987 u l-1989 ma kienx hemm promozzjonijiet u fl-1987 kienu dahlu nies godda jadhmu maghhom fl-ufficcju. Fl-1987 kienu hu u r-rikorrent fl-ufficcju u ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 giet Caroline maghhom u din ghal habta tal-1996 kienet hadet promozzjoni. Qal li r-rikorrent spicca minn mal-Kalaxlokk fis-7 t’ Awissu 1999 fil-grad ta’ Clerk I, jigifieri baqa’ bl-istess grad li dahal bih u minn meta dahal sa ma spicca kien hemm ezercizzju ta’ promozzjonijiet izda ma kienx jaf ghaliex ir-rikorrent qatt ma ha promozzjoni.

Kompla jghid li wara r-rikorrent kienu dahlu nies u hadu promozzjoni u fosthom semma lil Caroline Dalli u lil Carmen Borg. Meta kien jiltaqa' mar-rikorrent wara li ma baqax jahdem maghhom dan kien jghidlu li kien jiehu hafna transfers fil-Kalaxlokk stess. Ftakar li r-rikorrrent kien gie trasferit fil-pre-casting yard u fuq il-marines. Qal li ma jafx jekk dawn it-trasferiment kienux skond l-esigenzi tas-servizz. Semma wkoll li mhux suppost li jekk persuna tigi trasferita f'sezzjoni gol-Kalaxlokk stess tigi alterata s-seniority tal-persuna impjegata.

In kontro-ezami qal li forsi l-Manager ma kienx ihares lejn il-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrent bhala up to standard. Semma li bhala persuna r-rikorrent kien bniedem all right. Qal li meta kienu jitkellmu fuq politika kienu jkunu bejniethom, jigifieri hu, ir-rikorrent u dak iz-zmien kien hemm Carmen Borg. Ghalkemm ir-rikorrent ma kienx jissapporti certi kummenti qal li qatt ma graw incidenti u hadd qatt ma offenda lil hadd minhabba politika.

Edwin Mamo Manager Amministrattiv mal-kumpanija Kalaxlokk ipprezenta affidavit u semma li r-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija Harbour Construction fit-30 ta' Marzu 1984 u f'Dicembru 1984 gie trasferit mal-kumpanija Xlokk Construction. F'April 1986 giet imwaqqfa l-kumpanija Kalaxlokk li assorbiet il-haddiema kollha ta' Xlokk Construction u Kalafrana Construction. Ir-rikorrent hadem fis-sezzjoni tal-Personnel fis-sezzjoni ta' l-Amministrazzjoni fil-grad ta' skrivan sal-25 ta' April 1988 u giet minfloku Caroline Galea. Wara gie mibghut jahdem fis-sezzjoni ta' Plant Maintenance Repair Section u fit-2 ta' Jannar 1991 kien gie trasferit ghall-ufficcju tal-Marines Section. Meta naqas ix-xoghol f'dik is-sezzjoni, f'Awissu 1991, intbaghat jahdem fis-Sezzjoni Stores u fuq talba ta' Purchasing Officer, fit-18 ta' Settembru gie mibghut fis-sezzjoni tal-Purchasing.

Gara li r-rikorrent kien ghamel zball ta' procedura tax-xiri u minn hemm rega' ntbaghat lura fis-sezzjoni Stores. Semma li waqt zjara li ghamel f'dik is-sezzjoni, f' Mejju

1993 sab lir-rikorrent jonghos b' saqajh it-tnejn fuq l-iskrivanija. Bhala mizura dixxiplinarja kien ittrasferieh fl-ufficju tax-Xogholijiet Temporanji u fl-24 ta' Jannar 1996 kien gie mibghut fis-sezzjoni Dynamic Compaction. Semma diversi incidenti ghal zmien wara 1995 li pero` t-Tribunal m' ghandux x' jaqsam maghhom.

Semma li Caroline Galea f'Ottubru 1995 kienet mahtura Executive Officer. Is-Sinjura Giselle Scicluna kienet mahtura bhala Executive Officer f' Novembru 1995. Rigward Carmen Borg qal li din kienet tmexxi s-Sezzjoni tal-Pagi sa mill-1 ta' Jannar 1994 u wara li mexxiet l-ufficcju b' efficjenza ghal aktar minn 22 xahar hija nghatat il-promozzjoni ta' Executive Officer fis-16 t' Ottubru 1995.

Semma li kien jaf li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' skrivan u electrician fil-Precasting, kien jaghmel xoghol ta' clerical duties in konnessjoni maz-zewg sezzjonijiet. Semma li kien hemm skrivani ohra li kienu jiehdu hsieb zewg sections u fosthom semma lil Carmen Borg, lil Mario Sant u lil Joseph Loftus. Semma li hafna drabi r-rikorrent wara d-disgha ta' filghodu ma kien ikollu x'jaghmel xejn ghax kien ikun lesta kollox. Qal li r-rikorrent qatt ma kien wahdu fil Wages Section ghax ma kienx kapaci jahdem il-pagi.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jittratta zewg aspetti u cioe` dak tan-nuqqas ta' promozzjoni u dak relattiv ghal trasferimenti. Naturalment dawn iridu jigu ezaminati separatament. It-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina l-ilment tar-rikorrent riferibbli ghal transfers.

Ir-rikorrent ma semma ebda aspett partikolari tat-transfers hlief li indika lil Carmen Borg specifikament li lahqet il-grad ta' executive officer. Dwar in-nies l-ohra dawn issemmew pero` jinghad li r-rikorrent fir-rikors tieghu imkien ma semma dwar liema kariga partikolari kien qieghed jilmenta dwarha u li ma hax il-promozzjoni taghha. Dan ifisser li t-Tribunal jista' jidhol biss il-meritu tal-promozzjoni li hadet Carmen Borg. Issa irrizulta li Carmen Borg giet appuntata Executive Officer fis-16 ta' Ottubru 1995. L-artikolu 5(4)

tal-Kap. 394 jghid li "dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995". Issa Carmen Borg hadet il-kariga fis-16 ta' Ottubru 1995 u ghalhekk wara d-data msemmija mill-ligi. Ghal dawn il-motivi l-ilment tar-rikorrent jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis***.

L-ilment tar-rikorrent huwa dirett ukoll ghall-fatt li hu gie trasferit kwantita` ta' drabi. Dan it-Tribunal ghamilha cara dwar x' jahseb fuq transfers u esigenzi tas-servizz. Infatti fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:
"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa l-kumpanija intimata f' ebda stadju tal-proceduri ma tat raguni valida ghall-kwantita` kbira ta' trasferimenti li gew moghtija lir-rikorrent u ghalhekk fuq dan l-aspett it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata ghalkemm naturalment jilqaghhom dwar dak li ghandu x' jaqsam man-nuqqas ta' promozzjoni li fuqha lmenta r-rikorrent.

Ghalhekk it-Tribunal isib l-ilment tar-rikorrent relattiv ghal trasferimenti bhala wiehed validu u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal

jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------